

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1169/2014
tal-31 ta' Ottubru 2014**

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 416/2014 li jwassal għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-importazzjoni ta' ċerti ċereali li joriġinaw mill-Ukraina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 187(a) u (b) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ jipprevedi arranġamenti preferenzjali dwar id-dazji doganali marbuta mal-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Ukraina. Skont l-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, il-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness III tiegħu għandhom jiġu impurtati fl-Unjoni fil-limiti tal-kwoti tariffarji stabbiliti f'dak l-Anness.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 416/2014 ⁽³⁾ fetaħ il-kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni ta' ċerti ċereali li joriġinaw mill-Ukraina sal-31 ta' Ottubru 2014 u ppreveda l-amministrazzjoni tagħhom.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 374/2014 ġie emendat mir-Regolament (UE) Nru 1150/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾. B'mod essenzjali, l-emenda tikkonsisti mit-titwil taż-żmien tal-applikabbiltà tar-Regolament (UE) Nru 374/2014 sal-31 ta' Diċembru 2015 u l-istabbiliment tal-kwantitajiet tal-kwoti għas-sena 2015.
- (4) Għalhekk jeħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 416/2014 jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 416/2014

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 416/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 1(1), id-data tal-"31 ta' Ottubru 2014" għandha tiġi sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2015";
- (2) Fl-Artikolu 2(1) it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jitressqu għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kull ġimgħa, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa fis-13:00, ħin ta' Brussell. Ma jkunux jistgħu jitressqu aktar:

- (a) wara l-Ġimgħa 12 ta' Diċembru 2014 fis-13:00, ħin ta' Brussell, għas-sena 2014;
- (b) wara l-Ġimgħa 11 ta' Diċembru 2015 fis-13:00, ħin ta' Brussell, għas-sena 2015.";

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq oġġetti li joriġinaw fl-Ukraina (ĠU L 118, 22.4.2014, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 416/2014 tat-23 ta' April 2014 li jwassal għall-ftuħ ul-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-importazzjoni ta' ċerti ċereali li joriġinaw mill-Ukraina (ĠU L 121, 24.4.2014, p. 53).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1150/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 374/2014 dwar it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq oġġetti li joriġinaw fl-Ukraina (ĠU L 313, 31.10.2014, p. 1).

(3) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 3

Il-validità tal-liċenzji tal-importazzjoni

It-tul tal-validità tal-liċenzji tal-importazzjoni jibda mill-jum meta din tinħareġ effettivament, bi qbil mal-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, u jintemm fi tmiem it-tieni xahar ta' wara dan il-jum. F'kwalunkwe każ, din il-validità tiskadi mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014 għas-sena 2014 u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015 għas-sena 2015, rispettivament.”;

(4) L-Anness hu mibdul bit-test li jidher fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jgħodd b'effett mit-2 ta' Novembru 2014.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

"ANNEX

Mingħajr ħsara għar-regoli tal-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies bħala ta' valur indikattiv biss, minħabba li l-applikabbiltà tal-arranġamenti preferenzjali, fil-kuntest ta' dan l-Anness, tiddependi mill-ambitu tal-kodiċijiet tan-NM. Meta l-kodiċijiet tan-NM ikollhom 'ex' quddiemhom, l-użu tal-iskema preferenzjali għandu jiġi stabbilit abbażi tal-kodiċi tan-NM u tad-deskrizzjoni tal-prodott.

Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu	Kwantità f'tunnellati
09.4306	1001 99 (00)	qamħ spelt, qamħ komuni u meslin (wiċċ imħallat ta' qamħ u segala), minbarra ż-żerriegħa	Sena 2014 Sena 2015	950 000 950 000
	1101 00 (15-90)	dqiq tal-qamħ komuni u tal-ispelt, dqiq tal-meslin		
	1102 90 (90)	dqiq taċ-ċereali ħlief il-qamħ, il-meslin, is-segala, il-qamħirrum, ix-xgħir, il-hafur, ir-ross		
	1103 11 (90)	qamħ komuni u spelt mitħun oħxon u dqiq oħxon tagħhom		
	1103 20 (60)	gerbub tal-qamħ		
09.4307	1103 90 (00)	xgħir, minbarra ż-żerriegħa	Sena 2014	250 000
	1102 90 (10)	dqiq tax-xgħir	Sena 2015	250 000
	ex 1103 20 (25)	gerbub tax-xgħir		
09.4308	1005 90 (00)	qamħirrum minbarra ż-żerriegħa	Sena 2014	400 000
	1102 20 (10-90)	dqiq tal-qamħirrum	Sena 2015	400 000"
	1103 13 (10-90)	qamħirrum mitħun oħxon (groats) u pasta tal-qamħirrum		
	1103 20 (40)	gerbub tal-qamħirrum		
	1104 23 (40-98)	ħbub oħrajn maħdumin tal-qamħirrum		